# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 11 ta' April, 2024.**

**Numru 10**

**Rikors numru 1121/21/1 AJD**

**TCV Management and Trust Services Limited (C-17138)**

**v.**

**Neville Aquilina bħala *Chairperson* in rappreżentanza tal-Bord ta' Sorveljanza Dwar is-Sanzjonijiet**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-Bord ta' Sorveljanza Dwar Sanzjonijiet, fejn fih qiegħed jilmenta kemm mis-sentenza parzjali mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-28 ta' April, 2022, fejn ġiet miċħuda eċċezzjoni preliminari tal-Bord konvenut dwar jekk l-imsemmi Bord jaqax taħt it-tifsira ta' awtorità pubblika skont l-**Artikolu 469A tal-**

**Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**; u kif ukoll mis-sentenza finali mogħtija fit-2 ta' Mejju, 2023, fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili: (i) laqgħet l-ewwel talba tal-kumpanija attriċi billi sabet li d-deċiżjoni tal-Bord konvenut meħuda fil-15 ta' Marzu, 2021, kif aktar tard mibdula fil-25 ta' Ġunju, 2021, ma tiswiex skont l-**Artikolu 469A(1)(b)(iii) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**; (ii) laqgħet it-tieni talba tal-kumpanija attriċi billi ordnat it-tħassir ta' kull avviż pubbliku li jagħmel referenza għal xi sejbien ta' ħtija tal-kumpanija attriċi skont id-deċiżjoni hawn fuq imsemmija u/jew għall-multa li ġiet imposta fuq il-kumpanija attriċi mill-Bord konvenut; (iii) ċaħdet it-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitt talbiet tal-kumpanija attriċi għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni; (iv) astjeniet milli tieħu qies tas-seba' talba tal-kumpanija attriċi; u (v) ordnat li l-ispejjeż tal-kawża għandu jħallashom il-Bord konvenut.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tas-16 ta' Novembru, 2021, il-kumpanija attriċi fissret li hija toffri servizzi dwar *trusts* u kumpaniji lill-klijenti tagħha. Tenniet li bejn l-14 u l-20 ta' Ottubru, 2020, l-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji wettqet spezzjoni fuq numru ta' fajls miżmuma mill-kumpanija attriċi b'rabta mal-klijenti tagħha. Spjegat li b'ittra tal-11 ta' Frar, 2021 il-Bord konvenut bagħat jgħarrafha li huwa deherlu li kien hemm numru ta' nuqqasijiet fil-verifiki mwettqa u fis-sistemi mħaddma

minnha, b'rabta mal-infurzar ta' sanzjonijiet internazzjonali, u b'hekk stedinha biex tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha, filwaqt li f'ittra oħra mibgħuta fl-istess jum, il-Bord konvenut ġibdilha l-attenzjoni li l-ispezzjoni kienet nisslet tħassib dwar klijenta partikolari tagħha, u b'hekk huwa talabha aktar tagħrif dwar din il-klijenta.

3. Il-kumpanija attriċi kompliet tfisser li hija wieġbet għal dawn l-ittri fl-4 ta' Marzu, 2021 fejn spjegat fid-dettall is-sistema ta' infurzar imħaddma minnha u indirizzat it-tħassib tal-Bord konvenut, filwaqt li provdiet ukoll aktar tagħrif dwar il-klijenta tagħha, kif mitlub mill-Bord konvenut. Madankollu, b'ittra tal-20 ta' Mejju, 2021 il-Bord konvenut bagħat jgħarrafha li huwa kien qiegħed jimponi multa ta' €700 lil Invictus SICAV plc, wara li kkonferma s-sejbien ta' ksur tal-obbligi tagħha b'rabta ma' infurzar ta' sanzjonijiet internazzjonali. Il-kumpanija attriċi tenniet li hija ma kellha ebda rabta mal-kumpanija Invictus SICAV plc.

4. Billi l-kumpanija attriċi ma qablet xejn mad-deċiżjoni tal-Bord tal-20 ta' Mejju, 2021, hija ltaqgħet mar-rappreżentanti tiegħu fid-9 ta' Ġunju, 2021 fejn spjegat il-pożizzjoni tagħha, u kif ukoll ressqet sottomissjonijiet ulterjuri b'ittra tal-14 ta' Ġunju, 2021. Minkejja dan, b'ittra oħra tal-25 ta' Ġunju, 2021, il-Bord konvenut bagħtilha ittra identika għal dik mibgħuta minnu fl-20 ta' Mejju, 2021, fejn għarrafha li hu kien qiegħed iżomm sħiħ mal-pożizzjoni tiegħu f'dik l-ittra, iżda sewwa l-iżball li kien hemm fl-istess

ittra billi neħħa kull referenza għal Invictus SICAV plc u minflok iċċara li l-multa kienet qiegħda tiġi imposta fuq il-kumpanija attriċi. Fl-istess ittra l-Bord konvenut ta numru ta' raġunijiet għalfejn kien qiegħed iwaħħal multa lill-kumpanija attriċi.

5. Il-kumpanija attriċi saħqet li din id-deċiżjoni meħuda mill-Bord konvenut fil-konfront tagħha hija *ultra vires* skont l-**Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** għaliex din hija msejsa fuq premessi irrilevanti, jekk mhux għalkollox żbaljati. Minħabba f'hekk, hija għarrfet bil-miktub lill-Bord konvenut, li hija kienet sejra tikkontesta d-deċiżjoni mogħtija fil-konfront tagħha, u bla ħsara għad-drittijiet tagħha nfurmatu bil-passi meħuda minnha biex hija żżomm fis-seħħ sistemi li jippermettulha li twettaq l-obbligi tagħha skont il-liġi.

6. Hija ssoktat tgħid li minkejja dan, il-Bord konvenut xorta għażel li jxandar pubblikament il-fatt illi hija kienet instabet ħatja ta' ksur tal-obbligi tagħha, u dan bi ħsara li ma tissewwiex għar-reputazzjoni tagħha. Sostniet li x-xandir ta' isimha fil-pubbliku kien għalkollox żejjed u mhux f'waqtu u kien maħsub biss biex iqiegħed pressjoni fuqha sabiex tbaxxi rasha għad-deċiżjoni tal-Bord. Sostniet li konferma ta' dan huwa l-fatt li b'ittra tat-3 ta' Awwissu, 2021, il-Bord konvenut saħansitra imponielha multa ta' €50 kuljum sa massimu ta' €1,000 sakemm hija tħallas il-multa ta' €700.

7. Il-kumpanija attriċi fissret li hija ppreżentat protest ġudizzjarju kontra l-Bord konvenut fejn talbitu jqis mill-ġdid id-deċiżjoni tiegħu tal-25 ta' Ġunju, 2020 u sejħitlu sabiex b'mod immedjat iħassar kull referenza pubblika għad-deċiżjoni meħuda minnu u l-multa li ġiet ordnata tħallas il-kumpanija attriċi, filwaqt li żammitu responsabbli għad-danni kollha li kienet qiegħda ġġarrab, fosthom dawk marbuta mar-reputazzjoni tagħha. Madankollu, il-Bord konvenut żamm id-deċiżjoni tiegħu fis-seħħ. Għalhekk, il-kumpanija attriċi fetħet din il-kawża u talbet lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«i. Tiddikjara illi d-deċizjoni tal-Bord konvenut fil-konfront tal-attriċi, li tirriżulta mill-ittra tal-Bord konvenut tal-21 ta' Mejju, 2021 kif sussegwentement sostitwita b'ittra tal-25 ta' Ġunju 2021, hija nulla, invalida u/jew mingħajr effett a tenur tal-artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) peress illi l-istess deċiżjoni tikkostitwixxi għemil amministrattiv li huwa ultra vires ai termini tal-artikolu 469A(1)(b);*
>
> *ii. Konsegwentement, tordna t-tħassir ta' kwalunkwe avviż pubbliku illi jagħmel referenza għal xi sejbien ta' ħtija tal-attriċi skont l-imsemmija deċiżjoni u/jew għall-multa imposta mill-Bord konvenut;*
>
> *iii. Tiddikjara li b'konsegwenza tad-deċiżjoni meħuda mill-Bord konvenut u, aktar minn hekk, ix-xandir tagħha, il-kumpanija attriċi qiegħda ssofri danni;*
>
> *iv. Tiddikjara li l-Bord konvenut huwa responsabbli għal dawn id-danni;*
>
> *v. Tillikwida d-danni li l-kumpanija attriċi qiegħda ssofri, okkorrendo bil-ħatra ta' periti nominandi;*
>
> *vi. Tikkundanna lill-Bord konvenut iħallas lill-attriċi d-danni hekk likwidati.*
>
> *vii. Tiddikjara illi, f'kull każ, u anke jekk il-Qorti tiċħad l-ewwel sas-sitt talba, l-impożizzjoni ta' penali addizzjonali ta' ħamsin Euro (€50) kuljum sal-ħlas tal-multa hija assolutament bla bażi legali, irraġonevoli*

*u addirittura kontra l-ordni pubbliku, u għalhekk tħassar tali impożizzjoni ta' penali addizzjonali;*

*Bl-ispejjeż.»*

8. Il-Bord ta' Sorveljanza Dwar Sanzjonijiet wieġeb fl-20 ta' Diċembru, 2021 u ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1. Illi permezz tal-ittra tal-25 ta' Ġunju 2021 il-Bord intimat impona multa amministrattiva ta' seba' mitt ewro (€700) lis-soċjetà attriċi għaliex is-soċjetà attriċi naqset milli tosserva l-obbliġi ta' monitoraġġ ai termini tal-artikolu 17(6) tal-Kapitolu 365 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2. Illi l-multa amministrattiva ġiet imposta wara eżaminazzjoni* [*sic*] *bejn l-14 u l-21 ta' Ottubru 2020. Illi l-leżjonijiet tal-artikolu 17(6) jirriżultaw mis-segwenti nuqqasijiet tas-soċjetà attriċi:*

> *«Prior to 2020, the subject person did not retain evidence of sanctions screening unless positive hits were identified;*
>
> *For client file MTCV/3167 officials established adverse information which was not previously identified by the subject person. The aforementioned customer relates to a company owned by the State of Libya. The ultimate beneficial owner of the customer was noted to be the Libyan Investment Authority (LIA) and the Libya Africa Investment Portfolio (LAW), UN and EU sanctioned entities as at 2011. The MLRO was not aware of sanctions imposed against the involved parties of the customer as well as the previous sanctions imposed on the customer itself. An internal memo issued by the subject person's compliance communication on 06 May 2019 stated 'No sanctions listings, no negative news, entity screened via AML Spotter'. Evidence of screening retained was dated 13 October 2020, conducted during the MFSA's off-site examination;*
>
> *In the fifteen client files reviewed, MFSA officials could note that evidence of screening carried out prior to 2020 was absent. Whilst the MLRO clarified that screening was undertaken online using open sources and the C6 database, no evidence was provided to support this and;*
>
> *MFSA officials established that the sanctions processes utilised are ineffective since there was a recurrent issue of the system failing to record an audit trail of screening activities and hits and;*
>
> *The subject person stated that customer screening is an automatic overnight process which screens all clients against applicable lists. Such records were not however evidenced.»*

*3. Illi n-nuqqas ta' notifika ta' involviment ma' entità soġġetta għal*

*sanzjonijiet ma' kumpanija klijenta hija kontravenzjoni tal-artikolu 17(6). Illi għalhekk l-istess Bord, wasal għal multa ta' seba' mitt ewro (€700) b'referenza għall-**artikolu 19(1)(a) u (b) tal-Att dwar Poteri li jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali**. Illi l-esponenti jenfasizzaw illi huwa importanti li tkun stabbilita audit trail ta' attivitajiet ta' monitoraġġ f'kull ħin kemm jekk is-sistema ikollha hit jew le.*

***Eċċezzjonijiet Preliminari***

*4. Illi in linea preliminari, l-esponenti jeċċepixxi li l-Bord intimat ma jaqax taħt id-definizzjoni ta' "awtorità pubblika" ai termini tal-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Konsegwentement, l-għemil tal-Bord ma jistax jiġi mistħarreġ permezz ta' kawża msejsa fuq dan l-artikolu u għalhekk għandu minnufih jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;*

***Eċċezzjonijiet fil-Mertu***

*5. Illi bla ħsara għal dak hawn fuq eċċepit, id-deċiżjoni meħuda mill-Bord ma ngħatatx bi ksur tal-**artikolu 469A(1)(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Illi tajjeb jingħad, fit-talbiet fir-rikors ġuramentat tagħha s-soċjetà attriċi qalet biss illi l-impożizzjoni tal-multa amministrattiva kienet ultra vires taħt l-**artikolu 469A(1)(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta** mingħajr ma tat raġuni għalfejn il-multa kienet ultra vires kif tirrikjedi l-liġi taħt is-subparagrafi (i) sa (iv) tal-istess artikolu. Illi għalhekk il-Bord intimat filwaqt jirriżerva li jagħmel eċċezzjonijiet ulterjuri f'każ li s-soċjetà attriċi tiċċara l-pożizzjoni tagħha, il-Bord intimat ser jgħaddi biex jitratta għalfejn taħt kull subparagrafu tal-**artikolu 469A(1)(b) tal-Kap. tal-Liġijiet ta' Malta** d-deċiżjoni tal-Bord kienet ġusta;*

***(i) meta dak l-għemil jitwettaq minn awtorità pubblika li ma tkunx awtorizzata sabiex twettaq***

*6. Illi sabiex ikun hemm ksur ta' dan is-subparagrafu jrid jirriżulta minn interpretazzjoni sostantiva tal-liġi illi l-awtorità pubblika li wettqet l-għemil amministrattiv ma kinitx awtorizzata sabiex twettaq l-għemil impunjat. F'dan il-każ ma hemmx l-iċken dubju illi l-awtorità kompetenti sabiex toħroġ dawn il-multi amministrattivi taħt l-**Att dwar Poteri li jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali (Kapitolu 365 tal-Liġijiet ta' Malta)** hija l-Bord esponent u dan il-fatt m'huwiex kontestat mill-atturi u għalhekk l-esponent ser jgħaddi ghat-tieni subparagrafu;*

***(ii) meta l-awtorità pubblika tkun naqset milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-għemil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-għemil***

*7. Illi jekk l-ilment tas-soċjetà huwa bbażat fuq s-subapragrafu (ii) tal-**artikolu 469A(1)(b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, u ċjoè li l-Bord*

*naqas milli josserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali dana huwa infondat ukoll. Dan għaliex id-deċiżjoni ngħatat b'ħarsien tal-kunċett tal-audi alterem partem għaliex ir-rikorrenti ngħatat l-opportunità li tagħmel is-sottomissjonijiet tagħhom lill-Bord bil-miktub. Kif ġie sottolineat diversi drabi f'ġurisprudenza tal-Qrati nostrana, sottomissjonijiet bil-miktub huma suffiċjenti u m'hemmx bżonn ikunu bil-fomm (ara f'dan is-sens is-sentenza* ***Gourmet Company Limited v. Avukat Ġenerali*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Ġunju 2006 u s-sentenza* ***A & J Ta' Miema Ltd v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud*** *deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fl-14 ta' Ottubru 2004);*

***(iii) meta l-għemil amministrattiv jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorità pubblika billi dan isir għal għanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti***

*8. Illi l-ilment tar-rikorrenti lanqas ma jista' jirnexxi taħt l-****artikolu 469A(1)(b)(iii) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta****. Illi d-deċiżjoni tal-Bord kienet skont il-liġi stante illi s-soċjetà attriċi naqset milli tosserva l-obbligi mposti permezz tal-****artikolu 17(6) tal-Kapitolu 365 tal-Liġijiet ta' Malta****. Għaldaqstant il-multa ġiet imposta abbażi ta' għanijiet xierqa konsiderazzjonijiet rilevanti;*

*9. Illi l-atturi qegħdin jargumentaw illi minħabba l-fatt li l-Guidance Note on the application of article 17(6)(a), (b) and (c) of the National Interest (Enabling) Act ħareġ f'Novembru tal-2019 dan għandu jagħtihom id-dritt illi jiskansaw mill-obbligi stabbiliti fl-istess linji gwida. Tajjeb jingħad illi l-****artikolu 17(6) tal-Kap. 365 tal-Liġijiet ta' Malta*** *daħal fis-seħħ permezz tal-****Att XXI tal-2018*** *li daħal fis-seħħ fil-31 ta' Mejju 2018;*

*10. Illi s-soċjetà attriċi wkoll allegat illi l-publikazzjoni ta' isem il-kumpanija kien sar b'mod abbużiv u ultra vires iżda dan sar skont l-artikolu 19(5):*

> *«(5) Kull sanzjoni amministrattiva imposta mill-Bord skont dan l-artikolu, li teċċedi tmien mitt euro (€800) għandha tkun soġġetta għall-pubblikazzjoni skont il-policies u proċeduri stabbiliti minn żmien għal żmien mill-Bord.»*

*Illi fit-3 ta' Awissu 2021 il-Bord esponent informa lis-soċjetà attriċi illi ġaladarba baqgħet inadempjenti fir-rigward tal-multa ta' seba' mitt ewro (€700) il-multa tagħha laħqet il-massimu ta' elf ewro (€1,000) u għalhekk il-Bord kien kostrett li jippubblika isem ir-rikorrenti fuq is-sit elettroniku tagħha u saħansitra dan ġie spjegat fl-istess ittra (Ittra Annessa u mmarkata bħala DOK BDS1). Illi minn qari tal-liġi huwa ċar illi l-Bord esponent huwa obbligat biex jagħmel dan stante illi l-Bord m'għandux diskrezzjoni fil-liġi;*

*11. Illi l-Bord skont l-****artikolu 19(2) tal-Kap. 365 tal-Liġijiet ta' Malta****,*

*għażel illi l-multa ma tkunx ibbażata fuq sanzjoni fissa ta' darba biss iżda l-Bord iddeċieda fid-diskrezzjoni tiegħu illi jagħmel il-multa fuq bażi kumulattiva wkoll (b'multa kuljum), li hija possibbiltà fl-imsemmi artikolu. L-unika limitu għall-imsemmija multa huwa illi din il-multa qatt ma teċċedi l-elf ewro (€1,000) u għaldaqstant dana ma sarx biex jinġabru interessi bħal kif qiegħda tgħid is-soċjetà rikorrenti imma kien ta' inċentiv sabiex is-soċjetà rikorrenti tissana l-pożizzjoni tagħha, ħaġa li s-soċjetà rikorrenti naqset milli tagħmel;*

***(iv) meta l-għemil amministrattiv ikun imur mod ieħor kontra l-liġi***

*12. Illi l-azzjoni tar-rikorrenti lanqas ma tista' tissokta taħt l-**artikolu 469A(1)(b)(iv) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta** stante li ma jirriżultax li d-deċiżjoni tal-Bord li qiegħda tiġi attakkata tmur kontra l-liġi.*

*13. L-esponenti finalment jeċċepixxi n-nullità tar-rikors ġuramentat peress li fih kawżali u talbiet alternattivi li huma kontradittorji u kunfliġġenti (allegans contraria non est audiendus), liema talbiet irendu l-istess talbiet inammissibbli u dan stante illi r-rikorrenti qegħdin jitolbu stħarrig ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv u fl-istess nifs qegħdin jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti tillikwida danni (da liquidarsi). Ir-rikorrenti infatti ma jagħtu l-ebda spjegazzjoni ta' x'inhuma d-danni li qegħdin jallegaw li ġarrbu u wisq anqas jipprovaw jikkwantifikawhom. Ir-rikorrenti ma jispjegaw ebda ness ta' kawżalità bejn l-aġir tal-esponenti u d-danni pretiżi minnhom. Fi kwalunkwe każ, ai termini tas-**sub-inċiż (5) tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12**, annullament ta' att amministrattiv kommess minn awtorità pubblika ma jwassalx għall-għoti ta' danni sakemm ma jiġix ippruvat illi l-awtorità pubblika aġixxiet in mala fede jew b'mod irraġonevoli li fil-każ odjern ċertament m'huwiex il-każ;*

*14. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.»*

9. B'sentenza parzjali mogħtija fit-28 ta' April, 2022, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari tal-Bord konvenut għar-raġunijiet li fissrithom hekk:

*«**Konsiderazzjonijiet***

*18. Il-Bord konvenut jeċċepixxi illi l-Bord ma jaqax taħt id-definizzjoni ta' "awtorità pubblika" ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, stante illi l-unika Bord illi jista' jitqies illi huwa "awtorità pubblika" ai termini tal-istess artikolu huwa kull Bord illi joħroġ liċenzji jew warrants. Dan mhux il-każ fil-każ tal-Bord konvenut, illi għandu biss is-setgħa illi jieħu deċiżjonijiet, jagħmel rakkomandazzjonijiet, jagħti awtorizzazzjonijiet, joħroġ deċiżjonijiet, jagħti pariri u avviżi, u*

*jibgħat lill-Awtoritajiet relevanti għal azzjoni, assistenza jew informazzjoni. Konsegwentement, isostni l-Bord konvenut, l-għemil tiegħu ma jistax jiġi mistħarreġ permezz ta' kawża msejsa fuq dan l-artikolu. Għalhekk għandu minnufih jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;*

*19. Mill-banda l-oħra, is-soċjetà rikorrenti tissottometti illi r-referenza għal "Bord" taħt is-sub-artikolu 2 tal-Artikolu 469A hija definizzjoni wiesgħa li tinkludi kwalunkwe organu tal-istat li jieħu deċiżjoni jew ordni, et cetera kif definit bħala għemil amministrattiv, u li l-kjarifika għal bord li jagħti warrant jew liċenzja ddaħħlet sabiex tinkludi bordijiet illi n-natura tagħhom hija anomala peress illi huma bordijiet magħmulin minn membri ta' dik il-professjoni li huma jirregolaw però mbagħad huma mogħtija ċertu rikonoxximent jew funzjonijiet mil-liġi li jirregolaw dik it-tali professjoni. Is-soċjetà rikorrenti tissottometti wkoll illi mix-xhieda ta' Neville Aquilina jirriżulta illi l-Bord konvenut fih il-karatteristiċi kollha ta' awtorità pubblika skont id-definizzjoni taħt l-Artikolu 469A, u ċjoè: jagħmel parti mill-apparat tal-Istat; l-iskop tiegħu huwa li jipproteġi l-interessi tal-Istat sabiex ma jkunx hemm ksur ta' regoli dwar sanzjonijiet; il-membri ta' dan il-Bord huma magħżula skont il-liġi; u l-Bord jista' jieħu deċiżjonijiet li jinkludu d-deċiżjoni li jimponi multa fuq individwu jew entità;*

*20. L-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jiddefinixxi "awtorità pubblika" bħala: "il-Gvern ta' Malta, magħdudin il-Ministeri u dipartimenti tiegħu, awtoritajiet lokali u kull korp magħqud kostitwit permezz ta' liġi u tinkludi Bordijiet li jkollhom awtorità bil-liġi li joħorġu warrants għall-eżerċizzju ta' xi sengħa jew professjoni";*

*21. Fl-ewwel lok, din il-Qorti tissenjala illi hija taqbel ma' dak sottomess mis-soċjetà rikorrenti, u ċjoè illi minkejja illi l-liġi tagħmel referenza espliċita għall-Bordijiet li jkollhom awtorità li joħorġu warrants, dan ma jfissirx illi dan huwa l-uniku Bord illi jinkwadra taħt id-definizzjoni ta' 'awtorità pubblika' ai termini tal-Artikolu 469A. Dan jirriżulta b'mod mill-aktar ċar mill-użu mil-leġislatur tal-kelma "**tinkludi**", illi fiha nnifisha tindika illi mhumiex il-Bordijiet illi jkollhom din is-setgħa biss illi għandhom jaqgħu taħt din id-definizzjoni, iżda illi, b'mod partikolari, tali Bordijiet għandhom jiġu kkunsidrati bħal awtoritajiet pubbliċi wkoll. Huwa minnu illi, hekk kif jissottometti l-Bord konvenut, din l-emenda permezz tal-Att XXI tal-2020 saret sabiex tikkjarifika punt illi kien ilu li ġie stabbilit permezz ta' ġurisprudenza nostrana fir-rigward ta' Bordijiet ta' din ix-xorta, iżda, madanakollu, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, din l-emenda ma teskludix stħarriġ ġudizzjarju fil-konfront ta' kwalsiasi Bord ieħor illi l-għemil amministrattiv tiegħu jista' jinkwadra ruħu taħt din id-definizzjoni. Fil-fehma ta' din il-Qorti, din l-emenda qiegħda tindika biss għall-fini ta' kjarezza illi Bordijiet illi jkollhom awtorità li joħorġu warrants huma wkoll soġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju;*

*22. Il-funzjonijiet tal-Bord konvenut jemanu mis-sub-inċiż 5 tal-Artikolu*

*7 tal-Kap. 365 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn, wara li ġew elenkati numru ta' funzjonijiet speċifiċi, huwa stabbilit, b'mod ġenerali, illi, "Il-Bord għandu, fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu, ikollu s-setgħa li jieħu deċiżjonijiet, jagħmel rakkomandazzjonijiet, jagħti awtorizzazzjonijiet, joħroġ deċiżjonijiet, jagħti pariri u avviżi, u jibgħat lill-awtoritajiet rilevanti għal azzjoni, assistenza jew informazzjoni." Bażikament, għalhekk, il-Bord konvenut huwa bord regolatorju;*

*23. In konsiderazzjoni tal-funzjonijiet varji illi għandu l-Bord konvenut, din il-Qorti ħasset illi kellha ddur għad-diskussjonijiet illi wasslu għal-liġi illi llum hija l-Kapitolu 365 tal-Liġijiet ta' Malta, b'mod partikolari l-partijiet mill-istess diskussjonijiet illi kienu jikkonċernaw it-twaqqif tal-Bord konvenut. Dan sabiex tifhem b'mod aktar ċar l-intenzjoni tal-leġislatur f'dak illi huma s-setgħat u l-funzjonijiet tal-Bord inkwistjoni. Difatti, waqt il-Laqgħa Nru 11 tal-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi miżmuma nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Jannar 2018, ingħad illi, "L-Artikolu 7 jitkellem fuq għamla u funzjonijiet tal-Bord ta' Sorveljanza fuq Sanzjonijiet, bord li diġà huwa in place, però li qegħdin nagħmluh fil-liġi", u ċjoè, "Dak li huwa amministrattiv qed tagħmlu legali." Ġie osservat ukoll illi l-Bord konvenut "għandu ċerti poteri, qisu huwa kollox – eżekuttiv, ġudizzjarju u leġiżlattiv f'daqqa". Waqt li kien qed jiġi diskuss, imbagħad, waqt l-istess laqgħa, l-Artikolu 11 dwar il-proċedura illi permezz tagħha l-Bord konvenut jagħti deċiżjonijiet dwar jekk xi azzjoni li persuna tkun biħsiebha tagħmel hijiex projbita minn xi regolament partikolari, qamet il-kwistjoni dwar jekk tistax tiġi invokata d-disposizzjoni taħt l-Artikolu 469A magħrufa bħala 'tad-deemed refusal'. Għalkemm, l-Artikolu 11 ma jolqotx il-mertu tal-każ odjern, il-Qorti tħoss illi għandha tikkonsidra r-risposta tal-Avukat Ġenerali meta ġie mistoqsi jekk l-Artikolu 469A isibx applikazzjoni fil-każ ta' deċiżjoni ai termini tal-Artikolu 11 tal-Kap 365 "ladarba dan huwa att amministrattiv", liema risposta kienet is-segwenti: "Naħseb li huwa att amministrattiv **għax hija a decision of a public authority**." Dan il-punt ma ġiex kontestat, u huwa preċiżament dan illi jwassal lil din il-Qorti għall-fehma illi l-intenzjoni tal-leġislatur minn dejjem kienet illi l-Bord konvenut għandu jitqies bħala 'awtorità pubblika' għall-fini tal-Artikolu 469A tal-Kap 12. Irrispettivament mill-fatt illi d-diskussjoni kienet tirrigwarda l-funzjoni tal-Bord konvenut ai termini tal-Artikolu 11 tal-Kap 365 u mhux l-Artikolu 19 tal-istess Att illi dwaru jinkwadra l-mertu fil-każ odjern, jekk il-Bord konvenut kellu jitqies bħala 'awtorità pubblika' meta qed joħroġ deċiżjoni ai termini tal-Artikolu 11, għandu jsegwi illi l-istess Bord konvenut, imbagħad, għandu jiġi wkoll meqjus bħala 'awtorità pubblika' meta qed joħroġ deċiżjoni taħt l-Artikolu 19. Dan stante illi n-natura ta' Bord bħala 'awtorità pubblika' o meno m'għandhiex tiddependi fuq it-tip ta' deċiżjoni li tittieħed, jew fuq il-funzjoni illi l-Bord ikun qiegħed jaqdi meta joħroġ deċiżjoni, iżda tagħti definizzjoni ġenerali lill-Bord innifsu, irrispettivament mill-funzjoni illi l-Bord ikun qed jaqdi minn ħin għall-ieħor;*

*24. Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-*

***<u>eċċezzjoni preliminari sollevata mill-Bord konvenut fir-raba' paragrafu tar-risposta tiegħu għar-rikors promotur, għandha tiġi miċħuda.</u>***»

10. Imbagħad b'sentenza finali mogħtija fit-2 ta' Mejju, 2023, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet it-talbiet tal-kumpanija attriċi u l-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut billi:

*«(i)* ***<u>Tilqa' l-ewwel talba</u>*** *rikorrenti u tiddikjara li d-deċiżjoni tal-Bord fil-konfront tas-soċjetà rikorrenti li tirriżulta mill-ittra tal-Bord konvenut tal-21 ta' Mejju 2021 kif sostitwita b'ittra tal-25 ta' Ġunju 2021, hija nulla, invalida u mingħajr effett a tenur tal-Artikolu 469A(1)(b)(iii) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*(ii) Konsegwentement* ***<u>tilqa' t-tieni talba</u>*** *rikorrenti billi tordna t-tħassir ta' kwalunkwe avviż pubbliku illi jagħmel referenza għal xi sejbien ta' ħtija tal-attriċi skont l-imsemmija deċiżjoni u/jew għall-multa imposta mill-Bord konvenut;*

*(iii)* ***<u>Tiċħad it-tielet, raba', ħames u sitt talbiet</u>*** *rikorrenti għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni;*

*(iv)* ***<u>Tastjeni</u>*** *milli tieħu konjizzjoni tas-seba' talba rikorrenti.*

*Bl-ispejjeż ta' din il-kawża a karigu tal-Bord konvenut.»*

11. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti biex iddeċidiet hekk huma dawn:

*«**Konsiderazzjonijiet Legali***

*19. Fl-ewwel lok jiġi senjalat illi ġaladarba l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-Bord konvenut fir-raba' paragrafu tar-risposta tiegħu ġiet sorvolata permezz ta' sentenza in parte mogħtija minn din il-Qorti stess nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' April 2022, din id-deċiżjoni sejra tikkonsidra biss it-talbiet rikorrenti u l-eċċezzjonijiet fil-mertu;*

*20. Fit-tieni lok jiġi senjalat ukoll illi l-Qorti ħadet konjizzjoni tal-fatt illi, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, is-soċjetà rikorrenti tissottometti:*

*«[J]irriżulta – anki mir-rikors maħluf innifsu – illi l-esponenti mhijiex qed tallega u qatt ma allegat illi l-Bord konvenut ma kellux, bħala prinċipju ġenerali, il-vires illi jimponi l-multa li impona jew inkella illi l-attriċi ma ngħatatx l-opportunità li ssemma' leħinha (kemm hu hekk, saret*

*referenza estensiva għal sottomissjonijiet dettaljati li tressqu lill-Bord konvenut). L-ilment tal-attriċi huwa, però, fis-sens illi fiċ-ċirkustanzi tal-każ, u għar-raġunijiet miġjuba fis-sottomissjonijiet tagħha quddiem il-Bord (illi l-Bord jidher, però, illi njora totalment)* ***ma kellhiex tiġi imposta multa****. Aktar u aktar, imbagħad ma kellux jixxandar isem l-attriċi talli ma ħallsitx multa illi hija kienet għamlitha ċara mill-bidunett illi hija kienet qiegħda tikkontesta. Dan, skont l-attriċi jinkwadra fis-sub-inċiżi (iii) u (iv), għaliex jissarraf f'deċiżjoni msejsa fuq konsiderazzjonijiet mhux xierqa, irrelevanti jew mhux skont il-liġi.»*

*21. Fid-dawl tal-premess,* ***din il-Qorti sejra tillimita l-konsiderazzjonijiet tagħha għas-sub-inċiżi (iii) u (iv) tal-Artikolu 469A(1)(b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta****;*

*22. Huwa prinċipju ben risaput illi kawża għal stħarriġ ġudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva m'huwiex ekwivalenti għal appell.*

*…*

*24. Għaldaqstant, il-mansjoni ta' din il-Qorti fil-kawża odjerna hija limitata għal indaġini dwar jekk id-deċiżjoni komunikata lis-soċjetà rikorrenti permezz tal-ittra datata 25 ta' Ġunju 2021 tikkostitwixxix għemil amministrattiv illi huwa ultra vires ai termini tal-Artikoli 469A(1)(b)(iii) jew (iv), jew le, u mhux dwar il-mertu illi wassal sabiex tittieħed l-istess deċiżjoni;*

*25. Ir-raġunijiet illi fuqhom qed isserraħ il-kawża odjerna s-soċjetà rikorrenti huma dawk stabbiliti fl-Artikolu 469A(1)(b)(iii) u (iv) u ċjoè,*

*«(b) meta l-għemil amministrattiv ikun ultra vires għal xi raġuni minn dawn li ġejjin:*

*[...]*

*(iii) meta l-għemil amministrattiv jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorità pubblika billi dan isir għal għanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;*

*(iv) meta l-għemil amministrattiv ikun imur mod ieħor kontra l-liġi.»*

***A. Sub-Inċiż (iii): Meta l-għemil amministrattiv jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorità pubblika billi jsir għal għanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti***

*26. Is-soċjetà attriċi tikkontendi illi l-Bord konvenut:*

*(a) la kellu jimponi multa, u dan stante illi r-regoli applikati sabiex wasslu għall-multa kontestata ma kinux fis-seħħ fi żmien l-allegat ksur, u għalhekk ma kinux relevanti għas-sejba ta' ħtija; u*

*(b) lanqas kellu jxandar isem is-soċjetà rikorrenti għaliex il-multa kienet għadha ma ġietx imħallsa, u dan stante illi s-soċjetà rikorrenti*

*kienet għamlitha ċara illi kienet qed tikkontesta l-multa;*

*Għaldaqstant, is-soċjetà rikorrenti ssostni illi l-Bord konvenut ma qiesx il-fatturi relevanti kollha u ma mexiex b'mod raġonevoli fid-deċiżjoni tiegħu;*

*27. Il-prinċipji ta' raġonevolezza ta' deċiżjoni u tar-relevanza tal-konsiderazzjonijiet illi fuqhom tkun ġiet ibbażata l-istess deċiżjoni, awtomatikament jippreżumu illi l-awtorità li tkun ħadet id-deċiżjoni kellha fit-termini tal-liġi diskrezzjoni illi hija setgħet teżerċita fit-teħid tad-deċiżjoni, u hija preċiżament din id-diskrezzjoni illi għandha tiġi eżaminata fl-ambitu tal-prinċipji tar-raġonevolezza u rilevanza tal-konsiderazzjonijiet illi wasslu għad-deċiżjoni.*

*...*

*28. Dan ifisser illi d-diskrezzjoni – illi, minnha nnifisha, timplika element soġġettiv – m'għandhiex tiġi eżerċitata mill-awtorità b'mod arbitrarju, iżda għandha tiġi mkejla fid-dawl ta' dak illi huwa meqjus raġonevoli, u dan preċiżament sabiex ma twassalx għal abbuż ta' poter mill-awtorità. Fuq dan il-prinċipju bbażaw ukoll il-konsiderazzjonijiet tagħhom il-Qrati Maltin f'kawżi ta' stħarriġ ġudizzjarju.*

*...*

*30. Fil-każ odjern, jidher illi mhux qiegħed jiġi kkontestat il-fatt illi l-Artikolu 17(6) daħal fis-seħħ bl-Att XXI tal-2018 u ġie ċċarat permezz ta' Guidance Note maħruġa f'Novembru 2019. Madanakollu, filwaqt illi s-soċjetà rikorrenti ssostni illi huwa għalhekk biss wara l-ħruġ tal-Guidance Note illi setgħet tifhem preċiżament dak illi kien qed jiġi mitlub minnha mil-liġi, u li għalhekk ma setgħetx tiġi penalizzata fuq files li nfetħu qabel l-2018 u fuq nuqqasijiet illi seħħew qabel ġiet pubblikata l-Guidance Note, il-Bord konvenut jissottometti illi sa mill-promulgazzjoni tal-Att XXI tal-2018, is-soċjetà rikorrenti kellha l-obbligu li kull klijent li kellhom fil-mument li l-MFSA marru l-uffiċċju tagħha, kellhom regolarment jiġu sorveljati;*

*31. Referenza ssir għall-Artikolu 17(6) tal-Kap 365 tal-Liġijiet ta' Malta kif introdott permezz tal-Att XXI tal-2018, kif daħal fis-seħħ nhar il-31 ta' Mejju 2018:*

> *«(6) Kwalunkwe persuna naturali jew ġuridika li tiġġestixxi attività rilevanti jew kummerċ finanzjarju rilevanti kif imfisser fl-Att Kontra Money Laundering għandha:*
>
> > *(a) regolarment tivverifika l-elenki tan-Nazzjonijiet Magħquda, tal-Unjoni Ewropea u tal-Bord, u tissorvelja d-databases ta' klijenti mal-elenki msemmija regolarment u minnufih wara li jkun hemm bidla fl-elenki;*

*(b) ikollha u twettaq b'mod effettiv kontrolli interni u proċeduri sabiex jiġu mħarsa l-obbligazzjonijiet taħt dan l-Att u kwalunkwe regolamenti jew Riżoluzzjonijiet tan-Nazzjonijiet Magħquda jew tal-Unjoni Ewropea; u*

*(ċ) minnufih tavża lill-Bord f'każ li l-proprjetà li se tkun milquta hija identifikata, u tavżah bil-miżuri meħuda fir-rigward tal-proprjetà mħarsa skont il-ħtiġijiet taħt dan l-Att, inkluż fir-rigward ta' kwalunkwe tranżazzjoni attentata.»*

*Dan l-artikolu ġie mbagħad emendat permezz tal-Att XX tal-2020, billi l-kliem "kif imfisser fl-Att kontra Money Laundering" ġie sostitwit bil-kliem "kif imfisser fir-Regolamenti kontra Money Laundering u Finanzjar ta' Terroriżmu";*

*32. Skont il-Guidance Notes illi tirreferi għalihom is-soċjetà rikorrenti, ġie spjegat:*

*«<u>Record-Keeping</u>*

*It is furthermore necessary that all client files screened via automated or manual systems contain evidence which proves that the required sanctions checks have been made prior to the start of the business relationship and periodically thereafter or at the onset of an occasional transaction. Records of sanctions checks should be retained in order to show that the subject person effectively discharged its obligations at law.*

*Whether firms screen using automated systems or manually, a dated audit trail of checks undertaken should be retained. In terms of good practice, records of checks should be filed, whether electronically or in hard copy, for a period of no less than five years, commencing from the date of termination of the business relationship or the fulfilment of the occasional transaction. Records should be kept with the subject person even when sanction screening is outsourced. Filed evidence of checks which are dated a few days prior to a compliance examination carried out by the FIAU, the MFSA or the MGA, as supervisory authorities and agents of the SMB, will not be considered as satisfying the requirements of article 17(6)(a) and (b) of the National Interest (Enabling Powers) Act.*

*The Sanctions Monitoring Board hereby encourages all subject persons to ensure that client files are kept updated and under review at all times.»*

*33. Fl-ewwel lok, dwar dak illi jirrigwarda l-obbligi illi kellha s-soċjetà rikorrenti* ***<u>qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att XXI tal-2018</u>****, issir referenza għal dak illi ġie ritenut fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fl-ismijiet* ***Joseph Said v. Alfred Grima****, fejn saret distinzjoni bejn prinċipji ta' regoli ta' proċedura illi "huma invarjabilment regoli ta' ordni pubbliku li għandhom ikollhom effett u applikazzjoni immedjata u dan sakemm ma jkunx ġie stabbilit b'mod ieħor fl-istess liġi", u regoli sostantivi, f'liema każ:*

*«Il-prinċipju li jirregola liġi sostantiva għandu, min-naħa l-oħra jkun oppost. Peress li tali liġi jkollha l-iskop li tirregola l-aġir taċ-ċittadini fil-konfront ta' xulxin jew fil-konfront ta' Awtorità governattiva, din m'għandhiex ikollha effett retroattiv, fis-sens li ma tistax tikkontrolla aġir li jkun ġja seħħ meta saret il-liġi! Kull ċittadin għandu dritt jirregola l-aġir u l-kuntratti tiegħu a bażi tal-liġijiet viġenti u fis-seħħ meta seħħ dak l-aġir u mhux preżunt li l-Leġislatur sejjer, bil-liġi li saret illum, jirregola dak li seħħ il-bieraħ.*

*Ovvjament, il-Leġislatur jista' fil-limiti tal-poter tiegħu, jittanta li jilleġisla anke għal dak li seħħ fil-passat, però biex jagħmel dan, irid jagħmlu espressament, għax bħala regola u in prinċipju, ir-regola ta' natura sostantiva huma meqjusa li l-effett tagħhom ikun biss proattiv; dan in omaġġ għall-prinċipju Ruman li "lex non habet oculos retro. »*

*Huwa minnu illi din il-Qorti kif diversament preseduta kellha quddiemha mertu kompletament distint minn dak odjern, stante illi, biss biss, ma kinitx qed tagħmel stħarriġ ġudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva. Madanakollu, il-prinċipju enunċjat mill-Qorti jsib applikazzjoni għall-każ odjern, stante illi jitkellem preċiżament dwar jekk tistax liġi appena introdotta tapplika b'mod retroattiv jew le;*

*34. Din il-Qorti hija tal-fehma illi inkwantu fid-deċiżjoni tiegħu, il-Bord konvenut ikkunsidra mhux biss l-aġir tas-soċjetà rikorrenti wara l-promulgazzjoni tal-Att XXI tal-2018, iżda saħansitra anke <u>qabel</u> id-dħul fis-seħħ tal-istess Att, u ċjoè aġir tas-soċjetà rikorrenti illi ma kienx għadu ġie regolat bl-Artikolu 17(6) tal-Kap 356 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Bord konvenut abbuża mis-setgħa tiegħu illi jimplimenta l-Artikoli 17(6) u 19 tal-Kap 356 stante illi <u>sejjes id-deċiżjoni tiegħu fuq konsiderazzjonijiet illi ma jistgħux jitqiesu raġonevoli tenut iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ</u>. Din il-Qorti tqis illi l-Bord konvenut, meta impona s-sanzjoni amministrattiva, kellu jieħu inkonsiderazzjoni l-fatt illi numru sostanzjali tal-files illi ġew indikati fir-rapport redatt mill-Financial Crime Compliance, kienu files illi nfetħu u ġew saħansitra anke updated fi żmien meta s-soċjetà rikorrenti la kienet għadha ġiet marbuta bl-obbligi illi daħlu fis-seħħ bl-Att XXI tal-2018, u lanqas setgħet tobsor il-kundizzjonijiet illi kienet ser tiġi rinfaċċjata bihom fil-futur bil-promulgazzjoni tal-Att XXI tal-2018. Se mai, fid-deċiżjoni tiegħu, il-Bord konvenut seta' applika regolamenti illi kienu viġenti fiż-żminijiet relattivi sabiex jara jekk is-soċjetà rikorrenti kinitx in konformità mal-obbligi naxxenti mil-liġi, iżda żgur illi ma kellux jibbaża d-deċiżjoni tiegħu għall-perjodu qabel is-sena 2018 fuq provvediment tal-liġi illi ma daħalx fis-seħħ qabel is-sena 2018;*

*35. Fit-tieni lok, imbagħad, dwar dak illi jirrigwarda l-aġir tas-soċjetà rikorrenti* ***<u>wara d-dħul fis-seħħ tal-Att XXI tal-2018, iżda qabel il-pubblikazzjoni tal-Guidance Note</u>****, il-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet:*

*(a) Imkien fil-liġi ma hemm indikat illi s-soċjetà rikorrenti kellha (u għandha) obbligu illi żżomm record tal-verifiki illi hija tagħmel.*

*Huwa biss mill-Guidance Notes illi jirriżulta illi l-Artikolu 17(6) jinkorpora wkoll fih l-obbligu tas-soċjetà rikorrenti illi żżomm evidenza tal-fatt illi hija tkun għamlet il-verifiki fit-termini tal-liġi;*

*(b) Konsegwentement, il-fatt illi s-soċjetà rikorrenti ma pprovdietx evidenza tal-fatt illi hija kienet tagħmel verifiki qabel irriżultalha illi kellha l-obbligu ta' record-keeping, ma kellux, fil-fehma tal-Qorti, jimmilita kontra s-soċjetà rikorrenti;*

*36. Minn dan isegwi għalhekk illi anke fir-rigward tal-aġir tas-soċjetà rikorrenti wara d-dħul fis-seħħ tal-Att XXI tal-2018 iżda qabel il-pubblikazzjoni tal-Guidance Note, il-Bord konvenut sejjes id-deċiżjoni tiegħu fuq konsiderazzjonijiet irraġonevoli, stante illi ma setgħetx is-soċjetà rikorrenti tirregola ruħha fi żmien illi ma kien hemm xejn fil-liġi illi seta' jwassalha sabiex tikkonkludi illi kellha żżomm record ta' screening sabiex tkun in konformità mal-obbligi imposti fuqha bl-Artikolu 17(6) tal-Kap 356 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*37. Il-Qorti ma tistax ma tinnotax illi d-deċiżjoni tal-Bord konvenut datata 25 ta' Ġunju 2021 tagħmilha ċara illi l-bażi tad-deċiżjoni hija illi, "Mamo TCV Management failed to screen their client database against applicable sanctions prior to January 2020", b'dana illi tirriżulta għalhekk korraborata l-verżjoni tas-soċjetà rikorrenti illi, hekk kif ġew pubblikati l-Guidance Notes f'Novembru 2019 illi ċċaraw l-Artikolu 17(6) tal-Kap 356, is-soċjetà rikorrenti ħadet il-passi neċessarji kollha sabiex tkun konformi mal-liġi relattiva;*

*38. Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti tqis illi* ***l-ewwel talba rikorrenti għandha tiġi milqugħa****, u dan stante illi d-deċiżjoni tal-Bord konvenut fil-konfront tas-soċjetà attriċi tikkostitwixxi għemil amministrattiv li huwa ultra vires ai termini tal-Artikolu 469A(1)(b)(iii);*

*39. In oltre, din il-Qorti sejra* ***tilqa'*** *wkoll* ***it-tieni talba*** *rikorrenti bħala konsegwenzjali għall-istess, u tordna illi jitħassar l-avviż pubbliku illi jagħmel referenza għal xi sejbien ta' ħtija tal-attriċi skont l-imsemmija deċiżjoni;*

*40. Finalment, din il-Qorti sejra* ***tastjeni*** *milli tieħu konjizzjoni tas-* ***seba' talba*** *rikorrenti ġaladarba d-deċiżjoni qiegħda tiġi dikjarata nulla u mingħajr effett.*

***B. Sub-Inċiż (iv): Meta l-għemil amministrattiv ikun imur mod ieħor kontra l-liġi***

*41. Ġaladarba d-deċiżjoni tal-Bord konvenut ġiet dikjarata nulla u mingħajr effett fit-termini tal-Artikolu 469A(1)(b)(iii), din il-Qorti sejra tastjeni milli tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha f'dan ir-rigward.*

***Talba għall-Ħlas tad-Danni***

> *42. Is-soċjetà attriċi talbet lil din il-Qorti tillikwida d-danni li hija sofriet per konsegwenza tad-deċiżjoni meħuda mill-Bord konvenut, u tiddikjara li l- Bord konvenut huwa responsabbli għal dawn id-danni;*
>
> *43. Madanakollu, hekk kif tajjeb josserva l-Bord konvenut, quddiem din il-Qorti ma nġabet l-ebda prova tad-danni sofferti mis-soċjetà rikorrenti per kawża tad-deċiżjoni tal-Bord konvenut, u għaldaqstant tqis illi l-fatt illi qiegħda tiġi annullata d-deċiżjoni tal-Bord konvenut hija, minna nnifisha, rimedju adegwat fiċ-ċirkostanzi;*
>
> *44. Għaldaqstant, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex **tiċħad it-tielet, raba' ħames u sitt talbiet rikorrenti.**»*

12. Kif ingħad aktar kmieni, il-Bord ta' Sorveljanza Dwar Sanzjonijiet appella kemm mis-sentenza parzjali tat-28 ta' April, 2022, kif ukoll mis-sentenza finali tat-2 ta' Mejju, 2023 u talab biex dawn is-sentenzi jiġu mħassra fejn ġew miċħuda l-eċċezzjonijiet tiegħu u fejn ġew milqugħa t-talbiet tal-kumpanija attriċi.

13. Il-kumpanija attriċi wieġbet għal dan l-appell fis-6 ta' Ottubru, 2023 u fit-tweġiba tagħha hija tat ir-raġunijiet tagħha l-għala dan l-appell mhuwiex mistħoqq.

14. Il-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet**

15. Il-Qorti sejra tibda billi l-ewwel tqis l-ilment imressaq kontra s-

**<u>sentenza parzjali tat-28 ta' April, 2022</u>**.

16. L-**<u>aggravju waħdieni</u>** tal-Bord konvenut dwar din is-sentenza huwa msejjes fuq il-fatt li l-Ewwel Qorti messha laqgħet l-eċċezzjoni preliminari tiegħu dwar il-fatt li d-deċiżjoni tal-Bord ta' Sorveljanza Dwar Sanzjonijiet mogħtija fil-25 ta' Ġunju, 2021 ma tistax tiġi misħarrġa taħt l-**Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** minħabba li l-Bord ma jaqax taħt it-tifsira ta' awtorità pubblika, kif provduta fl-istess artikolu tal-liġi.

17. Illi skont l-**Artikolu 469A(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:**

> *«awtorità pubblika tfisser il-Gvern ta' Malta, magħdudin il-Ministeri u dipartimenti tiegħu, awtoritajiet lokali u kull korp magħqud kostitwit permezz ta' liġi u tinkludi Bordijiet li jkollhom awtorità bil-liġi li joħorġu warrants għall-eżerċizzju ta' xi sengħa jew professjoni.»*

18. Il-Bord appellant jargumenta fl-appell tiegħu li skont din it-tifsira tal-liġi huma biss dawk il-bordijiet li għandhom l-awtorità bil-liġi li joħorġu *warrants* għall-eżerċizzju ta' xi sengħa jew professjoni, illi jaqgħu fit-tifsira ta' awtorità pubblika. Għalhekk skont l-appellant, bordijiet oħra bħalma huma l-Bord ta' Sorveljanza dwar Sanzjonijiet li ma joħorġux *warrants*, jaqgħu 'l barra minn din it-tifsira.

19. Min-naħa l-oħra l-kumpanija appellata twieġeb li t-tifsira ta' awtorità

pubblika miġjuba fl-**Artikolu 469A(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** hija wiesgħa biżżejjed biex tinkludi fiha wkoll il-Bord ta' Sorveljanza Dwar Sanzjonijiet.

20. Din il-Qorti diġà kellha l-okkażjoni tiddeċiedi dwar eċċezzjoni identika li tressqet mill-Bord konvenut fis-sentenza fl-ismijiet ***L-Avukat Malcolm Mifsud et v. Il-Bord ta' Sorveljanza Dwar Sanzjonijiet***, maqtugħa fil-5 ta' Ottubru, 2023, u tħoss li m'għandha xejn x'iżżid ma' dak li ngħad minnha f'dik is-sentenza.

21. Kif tenniet din il-Qorti f'dik is-sentenza, m'għandu jkun hemm ebda tħassib li l-Bord ta' Sorveljanza dwar Sanzjonijiet jaqa' fit-tifsira ta' awtorità pubblika kif misjuba fl-**Artikolu 469A(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Dan hu hekk għaliex il-Bord konvenut: (i) twaqqaf b'liġi speċifika bis-saħħa tal-**Artikolu 7(1) tal-Att dwar Poteri li Jsiru Regolament fl-Interess Nazzjonali**; u (ii) huwa korp magħqud għaliex skont l-**Artikolu 7(2) tal-Att dwar Poteri li Jsiru Regolament fl-Interess Nazzjonali** mhuwiex magħmul minn persuna fiżika waħda iżda minn xirka ta' persuni li lkoll kemm huma jinsabu mogħnija b'setgħat ta' awtorità pubblika. Minbarra dan, il-funzjonijiet tal-Bord konvenut kif imfissra fl-**Artikolu 7(5) tal-Att dwar Poteri li Jsiru Regolament fl-Interess Nazzjonali** huma kollha ta' natura regolatorja u amministrattiva f'isem il-Gvern ta' Malta.

22. Jgħid ħażin ukoll il-Bord konvenut meta jisħaq li mhuwiex awtorità pubblika minħabba li m'għandux is-setgħa bil-liġi li joħroġ *warrants* għall-eżerċizzju ta' xi sengħa jew professjoni. Tabilħaqq, mhumiex biss dawk il-bordijiet li joħorġu l-*warrants* li huma meqjusa bħala awtoritajiet pubbliċi iżda anke dawk il-bordijiet li huma korpi magħquda u maħluqa bil-liġi. Il-kliem *«u tinkludi Bordijiet li jkollhom awtorità bil-liġi li joħorġu warrants għall-eżerċizzju ta' xi sengħa jew professjoni»* li ġie miżjud fit-tifsira ta' *«awtorità pubblika»*, kif misjuba fl-**Artikolu 469A(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, permezz tal-**Att XXI tal-2020**, ma ddaħħalx fil-liġi biex jeskludi jew biex ineħħi l-bordijiet kollha, ħlief dawk li joħorġu l-*warrants* għall-eżerċizzju ta' xi sengħa jew professjoni, mill-ambitu tal-**Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, kif donnu hekk jimplika l-Bord appellant fl-aggravju tiegħu.

23. Mod ieħor, l-għan wara din l-emenda kien sewwasew li tiżdied il-ġurisdizzjoni tal-qrati ċivili taħt l-**Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Dan billi wieħed ikun jista' jitlob li jsir stħarriġ ġudizzjarju mhux biss tad-deċiżjonijiet mogħtija minn bordijiet li huma maħluqa bil-liġi; iżda biex wieħed ikun jista' jitlob li jsir stħarriġ ġudizzjarju wkoll ta' dawk id-deċiżjonijiet mogħtija minn bordijiet, li għalkemm ma jkunux maħluqa u mwaqqfa bil-liġi, madankollu huma mogħnija bl-awtorità skont il-liġi illi joħorġu *warrants* għall-eżerċizzju ta' xi

sengħa jew professjoni.

24. Din il-Qorti għalhekk qiegħda ttenni l-fehma milħuqa mill-Ewwel Qorti illi l-Bord ta' Sorveljanza dwar Sanzjonijiet għandu jitqies bħala awtorità pubblika għall-għanijiet tal-**Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, ladarba dan huwa korp maqgħud li ġie mwaqqaf b'liġi speċifika.

25. L-appell tal-Bord konvenut mis-sentenza parzjali tal-Ewwel Qorti qiegħed għalhekk jiġi miċħud.

26. Il-Qorti sejra timxi issa biex tqis l-aggravji li ressaq il-Bord konvenut kontra s-**<u>sentenza finali tat-2 ta' Mejju, 2023</u>**.

27. Fiż-**<u>żewġ aggravji</u>** tiegħu il-Bord appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti ħaddmet il-liġi b'manjiera żbaljata u kif ukoll għarblet b'mod ħażin il-provi li tressqu quddiemha. Ir-raġunijiet imressqa mill-Bord konvenut biex isostni dawn l-ilmenti tiegħu jistgħu jinġabru kif ġej:

i. li hekk kif fil-31 ta' Mejju, 2018 daħal fis-seħħ l-**Artikolu 17(6) tal-Att dwar Poteri li Jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali** permezz tal-**Att XXI tal-2018**, il-kumpanija attriċi, bħala persuna ġuridika li tmexxi attività rilevanti jew kummerċ finanzjarju skont ir-**Regolamenti kontra**

***Money Laundering* u Finanzjar ta' Terroriżmu (Leġislazzjoni Sussidjarja 373.01)**, kellha toqgħod għall-obbligi mnissla mil-liġi u twettaq verifiki u kontrolli dwar il-klijenti tagħha regolarment;

ii. li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta sabet li l-kumpanija attriċi ma kellhiex l-obbligu tivverifika klijenti, li l-fajls tagħha dwarhom infetħu qabel is-sena 2018, għaliex l-obbligu tal-kumpanija attriċi li twettaq verifiki u kontrolli dwar il-klijenti tagħha huwa wieħed kontinwu u regolari sakemm hija tibqa' tagħtihom is-servizzi tagħha u m'għandux isir biss fil-punt li hija tibda relazzjoni mal-klijenti tagħha;

iii. li wara d-dħul fis-seħħ tal-**Att XXI tal-2018**, il-kumpanija attriċi kellha l-obbligu li twettaq kontrolli u verifiki fuq kull klijent li kellha, lil hemm mill-kwistjoni dwar jekk dawn kinux klijenti tagħha qabel is-sena 2018 jew le;

iv. li d-deċiżjoni tal-Bord konvenut li jwaħħal lill-kumpanija attriċi multa u jxandar pubblikament il-fatt illi hija kienet instabet ħatja ta' ksur tal-obbligi tagħha, kienet raġonevoli u mhux retroattiva, kif sabet l-Ewwel Qorti, għaliex fid-deċiżjoni tiegħu huwa ma ħax qies tan-nuqqas tal-kumpanija attriċi li twettaq kontrolli u verifiki fuq il-klijenti li kellha qabel is-sena 2018, u li ma kinux aktar klijenti tagħha f'dik is-sena, iżda minflok ħa qies tal-fatt li bejn is-sena 2018 u s-sena 2020 il-kumpanija

attriċi kienet naqset milli tħares dawn l-obbligi tagħha;

v. li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata fir-raġument tagħha li qabel il-ħruġ tal-linji gwida dwar it-tħaddim tal-**Artikolu 17(6) tal-Att dwar Poteri li Jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali** f'Novembru 2019, il-kumpanija attriċi ma setgħetx tkun taf bl-obbligu tagħha li żżomm reġistru tal-kontrolli u verifiki li tkun wettqet dwar il-klijenti tagħha għaliex hija l-liġi li daħlet fis-seħħ fl-2018, li torbot lill-kumpanija attriċi, u mhux il-linji gwida; u

vi. li fl-aħħar mill-aħħar, kienet il-kumpanija attriċi stess li ammettiet in-nuqqas tagħha li tħares dak li jgħid l-**Artikolu 17(6) tal-Att dwar Poteri li Jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali**, kemm fl-ittra mibgħuta minnha fl-4 ta' Marzu, 2021 u kif ukoll b'dikjarazzjoni magħmula mill-avukat tagħha waqt is-seduta tal-25 ta' Ottubru, 2022.

28. Fuq ix-xaqliba l-oħra, il-kumpanija attriċi tisħaq li s-sentenza tal-Ewwel Qorti għandha tiġi kkonfermata għaliex id-deċiżjoni tal-Bord konvenut kienet abbużiva, irraġonevoli u msejsa fuq konsiderazzjonijiet irrilevanti minħabba li skontha l-Bord ħaddem liġi li daħlet fis-seħħ fis-sena 2018 b'mod retroattiv billi ppenalizzaha għal nuqqasijiet li ma kinux meqjusa bħala tali meta seħħew.

29. Il-Qorti tqis li meta tintalab biex tistħarreġ għemil amministrattiv hija trid tara li dak l-għemil ikun twettaq sewwa. B'dan wieħed jifhem: (i) li l-għemil ikun sar taħt jew bis-saħħa ta' liġi; (ii) l-għemil ikun sar minn persuna jew awtorità li tkun ingħatatilha dik is-setgħa bil-liġi; u (iii) li hi u twettaq tali setgħa dik il-persuna jew dik l-awtorità tkun inqdiet biha b'mod li ma tużahiex ħażin jew għal għanijiet mhux xierqa. Fejn it-twettiq ta' xi setgħa jġib miegħu l-użu ta' diskrezzjoni, il-liġi trid ukoll li dik id-diskrezzjoni tissejjes fuq konsiderazzjonijiet rilevanti b'ħarsien tar-regoli ta' ġustizzja naturali (ara ***Aaron Haroun v. Onor. Prim Ministru et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta' Ġunju, 2017).

30. F'din il-kawża, il-kumpanija attriċi sejset l-ilment tagħha kemm fuq is-**subinċiż (b)(iii) tal-Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** billi saħqet li d-deċiżjoni meħuda mill-Bord konvenut fil-konfront tagħha kienet abbużiva minħabba li kienet irraġonevoli u msejsa fuq raġunijiet li mhumiex rilevanti; u kif ukoll fuq is-**subinċiż (b)(iv)** tiegħu fejn sostniet li din ittieħdet bi ksur tal-liġi.

31. Ta' min isemmi li s-**subinċiż (iv) tal-Artikolu 469A(b)**, li fuqu wieħed jista' jitlob stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv minħabba ksur ta' liġi, huwa wieħed residwu u huwa mogħti lil dak li jkun jekk kemm-il darba ma jkunx possibbli li l-għemil amministrattiv jiġi mistħarreġ taħt is-sub-inċiżi l-oħra tal-**Artikolu 469A** (ara l-ktieb ***Judicial Review of***

***Administrative Action in Malta*** tal-**Professur Tonio Borg**, mitbugħ fl-2020, f'paġna 177). Kemm hu hekk, l-Ewwel Qorti sabet li d-deċiżjoni tal-Bord konvenut kienet waħda abbużiva skont l-**Artikolu 469A(b)(iii)** għaliex ġiet imsejsa fuq konsiderazzjonijiet irraġonevoli u b'hekk ħassret id-deċiżjoni tal-Bord għal din ir-raġuni u astjeniet milli tqis jekk id-deċiżjoni kinitx ukoll ittieħdet bi ksur tal-liġi skont is-**sub-inċiż (iv)**.

32. Huwa miżmum fil-ġurisprudenza li biex jitqies jekk awtorità wettqitx b'mod raġonevoli d-diskrezzjoni mogħtija lilha bis-saħħa ta' xi liġi, irid jintwera li dik l-awtorità tkun imxiet ma' dak li kellha jew messha tagħmel u mhux biss ma' dak li setgħet tagħmel (ara **H.W.R. Wade & C.F. Forsyth**, ***Administrative Law***, il-ħdax-il edizzjoni, 2014, f'paġna 295). Dan ifisser li l-kejl tar-raġonevolezza jrid ikun wieħed oġġettiv marbut maċ-ċirkostanzi fattwali li fihom dik l-istess diskrezzjoni tista' titwettaq (ara ***Carmelo Dingli et v. Kontollur tad-Dwana et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu, 2009 u ***Tabib Dottor Daniel Grixti Soler et v. Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku et*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Frar, 2016).

33. Jista' jingħad li id f'id mal-kwistjoni tar-raġonevolezza ta' deċiżjoni jew għemil amministrattiv, tidħol ukoll dik tar-rilevanza tal-konsiderazzjonijiet li jintgħamlu biex twassal għat-teħid ta' tali deċiżjoni jew għemil. Għalhekk xogħol din il-Qorti f'dan l-appell huwa li tara x'kienu

l-għanijiet u l-konsiderazzjonijiet li wasslu għad-deċiżjoni meħuda mill-Bord konvenut, sabiex fl-aħħar mill-aħħar tiddetermina mhux jekk id-deċiżjoni kinitx tajba jew kinitx id-deċiżjoni li kienet tieħu hi stess li kieku d-diskrezzjoni kienet f'idejha, iżda jekk din itteħditx mill-Bord konvenut b'abbuż tas-setgħat tiegħu, kif hemm imfisser fis-**subinċiż (b)(iii) tal-Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** (ara ***Grezzju Debono et v. L-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' April, 2004).

34. Issa minn qari tad-deċiżjoni mogħtija mill-Bord konvenut fil-25 ta' Ġunju, 2021 u kif ukoll tar-rapport imħejji mill-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji fl-20 ta' Jannar, 2021, wara li din wettqet spezzjoni fuq numru ta' fajls miżmuma mill-kumpanija attriċi b'rabta mal-klijenti tagħha, jirriżulta li kemm il-Bord u kif ukoll l-imsemmija Awtorità identifikaw numru ta' nuqqasijiet fil-mod ta' kif qabel is-sena 2020, il-kumpanija attriċi kienet qiegħda tikkontrolla u tivverifika jekk il-klijenti tagħha kinux milquta b'sanzjonijiet maħruġa min-Nazzjonijiet Magħquda, mill-Unjoni Ewropea u kif ukoll mill-Bord konvenut, skont l-**Artikolu 17(6) tal-Att dwar Poteri li Jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali**.

35. L-aktar nuqqas li kien qiegħed jinkwieta lill-Bord u lill-imsemmija Awtorità kien sewwasew dak li qabel is-sena 2020, il-kumpanija attriċi ma kinitx tħejji rapporti jew imqar iżżomm reġistru tal-kontrolli u l-verifiki li tkun

wettqet fir-rigward tal-klijenti tagħha. Għalkemm jista' jkun li l-kontrolli u l-verifiki kienu fil-fatt qegħdin jitwettqu, il-kumpanija attriċi ma provdiet ebda dokument li juri dan, u għalhekk il-Bord konvenut tenna li huwa ma kellux triq oħra għajr li jasal għall-konklużjoni li dawn il-kontrolli u verifiki ma kinux qegħdin isiru. Tassew, għalkemm il-kumpanija attriċi saħqet li f'dak iż-żmien hija kienet twettaq dawn il-verifiki fuq diversi pjattaformi fosthom Google, Bing u *C6 databases*, hija ma pprovdiet ebda dokument jew prova oħra biex tikkonvinċi lill-Bord li l-kontrolli kienu tabilħaqq qegħdin jitwettqu u li dawn kienu qegħdin isiru b'mod regolari. Kemm hu hekk, skont ir-rapport imħejji mill-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji, il-kumpanija attriċi ma pprovdiet ebda evidenza li qabel is-sena 2020 hija kienet twettaq dawn il-kontrolli, la fil-bidu tar-relazzjoni tagħha mal-klijenti tagħha u lanqas wara, sakemm hija baqgħet tagħtihom is-servizzi tagħha. Kien hemm ukoll każ partikolari fejn il-kumpanija attriċi kienet naqset li tniżżel nota fir-reġistri tagħha dwar il-fatt li klijenta tagħha kienet ġiet sanzjonata lura fis-sena 2011; għalkemm mill-istess rapport jirriżulta li dawn is-sanzjonijiet kienu tneħħew f'Settembru tal-2011 u li l-uffiċjal inkarigat mir-rappurtaġġ dwar il-ħasil ta' flus tal-kumpanija attriċi fil-fatt kellu għarfien, li din il-klijenta kienet intlaqtet b'sanzjonijiet fil-passat.

36. Matul is-smigħ ta' din il-kawża, il-kumpanija attriċi ma ressqet ebda prova biex twaqqa' l-kontenut ta' dan ir-rapport u lanqas ippruvat tikkonvinċi lill-Qorti li hija kienet twettaq il-kontrolli u l-verifiki meħtieġa

dwar il-klijenti tagħha qabel is-sena 2020. Kemm hu hekk, kien l-Avukat Edmond Zammit Laferla stess, jiġifieri l-uffiċjal inkarigat mir-rappurtaġġ dwar il-ħasil ta' flus tal-kumpanija attriċi, li waqt il-kontroeżami tiegħu stqarr li qabel is-sena 2020, il-kumpanija attriċi ma kinitx iżżomm prova tal-kontrolli u verifiki mwettqa minnha, hekk kif huwa meħtieġ skont il-liġi (ara x-xhieda tiegħu f'paġni 132 u 133 tal-atti tal-kawża). Terġa' u tgħid, waqt li kienet qiegħda tixhed Gabrielle Cagliari Conti bħala rappreżentanta tal-Bord konvenut, l-avukat tal-kumpanija attriċi, Frank Testa, ikkonċeda li l-kumpanija attriċi kellha numru ta' nuqqasijiet; mandakollu hija kienet qiegħda tikkontesta biss is-setgħa tal-Bord li jwaħħalha sanzjoni amministrattiva għaż-żmien li fih instabu n-nuqqasijiet (ara paġna 128 tal-atti tal-kawża).

37. Meqjus dan kollu, fid-dawl tal-ammissjoni magħmula mill-kumpanija attriċi; il-mistoqsija li tqum hija din: kienet raġonevoli d-deċiżjoni tal-Bord konvenut li jwaħħal lill-kumpanija attriċi sanzjoni amministrattiva għaż-żmien li ġie qabel is-sena 2020 jew kienet din id-deċiżjoni msejsa fuq konsiderazzjonijiet li mhumiex rilevanti?

38. Din il-Qorti tistqarr li hija ma taqbel xejn mal-Ewwel Qorti li l-Bord konvenut ma setax isib li l-kumpanija attriċi naqset fl-obbligi tagħha skont l-**Artikolu 17(6) tal-Att dwar Poteri li Jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali** għaż-żmien li ġie qabel is-sena 2020. Tassew, dan l-artikolu

tal-liġi daħal fis-seħħ fil-31 ta’ Mejju, 2018 permezz tal-**Att XXI tal-2018**, u b’hekk minn dakinhar tnissel l-obbligu tal-kumpanija attriċi li b’mod regolari u effettiv, twettaq il-kontrolli interni u proċeduri meħtieġa biex tħares l-obbligi li joħorġu mill-istess Att u tivverifika jekk il-klijenti kollha tagħha, ġodda jew le, humiex milquta b’sanzjonijiet min-Nazzjonijiet Magħquda, mill-Unjoni Ewropea u mill-Bord konvenut.

39. Huwa minnu li fid-deċiżjoni tiegħu, il-Bord konvenut uża l-kliem *«prior to 2020»*, u b’hekk il-Bord seta’ kien aktar speċifiku meta semma l-perjodu ta’ żmien li fih instabu n-nuqqasijiet min-naħa tal-kumpanija attriċi. B’daqshekk però, id-deċiżjoni tal-Bord m’għandhiex tinftiehem b’tali mod li huwa kien qiegħed isib lill-kumpanija attriċi ħatja ta’ nuqqasijiet għaż-żmien li ġie qabel il-31 ta’ Mejju, 2018, meta daħlet il-liġi l-ġdida. Hu x’inhu l-każ, xorta jibqa’ l-fatt li bejn Ġunju tas-sena 2018 u l-aħħar tas-sena 2019, il-kumpanija attriċi ma ħarsitx l-obbligi tagħha kif huwa meħtieġ fl-**Artikolu 17(6) tal-Att dwar Poteri li Jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali**.

40. Huwa ħażin ukoll ir-raġunament tal-Ewwel Qorti li l-Bord konvenut ma setax isib li l-kumpanija attriċi naqset fl-obbligi tagħha qabel il-ħruġ tal-linji gwida f’Novembru tal-2019, dwar kif għandu jitħaddem l-**Artikolu 17(6)**, hawn fuq imsemmi. Għalkemm il-linji gwida għamluha aktar ċara li persuna ġuridika li tmexxi attività rilevanti jew kummerċ finanzjarju

għandha żżomm reġistru tal-verifiki li tkun għamlet dwar il-klijenti tagħha, m'hemmx dubju li l-obbligu tat-twettiq ta' kontrolli u verifiki tpoġġa fuq persuna bħal din b'seħħ mill-31 ta' Mejju, 2018.

41. Din il-Qorti ttenni li għalkemm l-**Artikolu 17(6)** ma jsemmi xejn dwar il-ħtieġa ta' żamma ta' reġistru tal-verifiki li jkunu saru, ma kienx hemm bżonn li jinħarġu xi linji gwida biex persuna ġuridika li tmexxi attività rilevanti jew kummerċ finanzjarju tintebaħ li għandha bżonn iżżomm dawn ir-reġistri. Sewwasew, min ikun fiż-żarbun tal-kumpanija attriċi ma jeħtieġx dehen straordinarju biex jagħraf li huwa jrid iżomm f'idejh prova li huwa jkun qiegħed iħares l-obbligu tiegħu li jwettaq verifiki dwar il-klijenti tiegħu.

42. F'dan il-każ, il-kumpanija attriċi ma kienet għaqlija u diliġenti xejn meta għal perjodu ta' sena nofs sħaħ, bejn Ġunju tal-2018 u Diċembru tal-2019, ma żammet ebda reġistru tal-verifiki li saħqet li għamlet. Wara kollox, iż-żamma ta' dawn ir-reġistri ma kinitx tinvolvi xi biċċa xogħol diffiċli jew ta' barra minn din id-dinja. Kulma kien meħtieġ kien li l-kumpanija attriċi tieħu ritratt tal-iskrin *(screenshot)* ta' kull fejn hija fittxet dwar il-klijenti tagħha jew li tistampa kull verifika li wettqet sabiex tikkonferma li l-klijenti tagħha mhumiex milquta b'sanzjonijiet.

43. Minn dan il-kumpanija attriċi ma għamlet xejn u għalhekk hija ma

tistax tilmenta li l-Bord konvenut ma setax isib li hija naqset fl-obbligi tagħha skont l-**Artikolu 17(6)** bejn Ġunju tal-2018 u Diċembru tal-2019.

44. Minkejja dan però, il-fatt waħdu li kien hemm dan in-nuqqas ma jfissirx li l-Bord konvenut kellu s-setgħa li jwaħħal sanzjoni amministrattiva lill-kumpanija attriċi skont l-**Artikolu 19 tal-Att dwar Poteri li Jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali**. Dan qed jingħad għaliex dan l-artikolu tal-liġi, li jagħti s-setgħa lill-Bord konvenut li jimponi sanzjoni amministrattiva f'każ ta' ksur tad-dispożizzjonijiet tal-**paragrafi (a), (b)** jew **(ċ) tal-Artikolu 17(6)** tal-imsemmi **Att**, daħal fis-seħħ fit-23 ta' April, 2020 bis-saħħa tal-**Att XX tal-2020**. Dan l-artikolu tal-liġi mkien ma jsemmi li s-sanzjonijiet amministrattivi jistgħu jingħataw retroattivament għal nuqqasijiet li jkunu seħħew qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu.

45. Huwa miżmum fil-ġurisprudenza li meta f'liġi li toħroġ ma jkunx hemm klawsola retroattiva u l-kliem tagħha ma jkunx jimporta retroattività, dik il-liġi m'għandhiex ikollha effett retroattiv, lanqas jekk tkun ta' interess jew ordni pubbliku. Tabilħaqq, biex liġi jkollha effett retroattiv, jeħtieġ li dan l-effett jirriżulta b'mod l-aktar ċar u żgur, u għaldaqstant, fid-dubju, għandu jkun eskluż (ara ***Edgar Baldacchino et v. Onor Dr. Tommaso Caruana Demajo LL.D. noe et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Frar, 1954, ***Joseph Caruana Curran noe v. Anthony Camilleri noe*** maqtugħa mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Ottubru, 1959 u ***Joseph***

***Genovese v. Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju, 2022).

46. Imħaddma dawn il-prinċipji għall-każ tagħna, jiġi b'hekk, li l-Bord konvenut seta' biss jimponi sanzjonijiet amministattivi dwar nuqqasijiet li seħħew mit-23 ta' April, 2020 'il quddiem u mhux dwar ksur ta' obbligi li seta' seħħ qabel. Għalhekk, meqjus dan kollu, id-deċiżjoni tal-Bord li jwaħħal lill-kumpanija attriċi sanzjoni amministrattiva għal ksur tal-obbligi tagħha li seħħew qabel is-sena 2020, ma tistax titqies li kienet waħda raġonevoli jew imsejsa fuq konsiderazzjonijiet rilevanti għall-għanijiet tal-**Artikolu 469A(b)(iii) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. B'hekk, huwa xieraq li din id-deċiżjoni titħassar.

47. Naturalment, ladarba d-deċiżjoni meħuda mill-Bord konvenut fil-25 ta' Ġunju, 2021 mhijiex siewja u b'hekk qiegħda titħassar is-sanzjoni amministrattiva, lanqas ma hija siewja d-deċiżjoni tal-istess Bord li jxandar pubblikament il-fatt illi hija kienet instabet ħatja ta' ksur tal-obbligi tagħha, peress li skont l-**Artikolu 19(5) tal-Att dwar Poteri li Jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali**, din ix-xandira tista' ssir biss meta tingħata sanzjoni amministrattiva li taqbeż it-€800. Għaldaqstant, huwa xieraq li dan l-avviż pubbliku jitħassar ukoll.

48. Għalhekk, fid-dawl ta' dan kollu, anke dawn iż-żewġ aggravji tal-

Bord konvenut qegħdin jiġu mwarrba.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda: (i) **tiċħad** l-appell tal-Bord ta' Sorveljanza Dwar Sanzjonijiet mis-sentenza parzjali tat-28 ta' April, 2022 u tikkonferma din is-sentenza; u (ii) għal raġunijiet differenti minn dawk mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, **tiċħad** ukoll l-appell tal-istess Bord mis-sentenza finali tat-2 ta' Mejju, 2023.

L-ispejjeż tal-kawża, inklużi dawk marbuta ma' dan l-istadju tal-appell, għandhom jitħallsu kollha kemm huma mill-Bord ta' Sorveljanza Dwar Sanzjonijiet.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Christian Falzon Scerri
Imħallef

Josette Demicoli
Imħallef

Deputat Reġistratur
da